# Femminista

ALBERT MARSHALL

mistoħbi fil-mara
dejjem lest dejjem imħarrek
il-bidu:
*locus* għall-leħor

id-daħqa ħajna tal-medusa

*l'ecriture* femminili dekostruzzjoni
mingħajr rikostruzzjoni

il-kitba . . . l-attività li żżarma xogħol il-mewt
jew *ensemble* armonizzat bejn kitba u mewt
mhux żewġ forzi miftuma maqbuda f'sekwenza
sterjotipata
ta' ġlied u espulsjoni (jew xi forma oħra ta' mewt)
imma żewġ kunċetti dinamizzati
eternament
minn proċess bla tmiem ta' skambju minn suġġett għal
ieħor

metafora ġuf
*locus* fiżiku
u *locus* metafiżiku
binarji mhux neċessarjament opposti

ommi marti binti
metafora
u n-nisa l-oħra kollha li mhumiex minn laħmi